MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 161/2009

**Joe u Carmen konjugi Ellul
(ID 764862M u 268163M)**

**vs**

**Mark Caligari**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu lill-konvenut il-hlas tas-somma ta' ftit aktar minn tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494.00), li ghal din l-istanza t-talba qed tigi limitata ghal dan l-ammont biss, rapprezentanti hlas bil-quddiem ghal senserija li kienet tkun dovuta kieku nbiegh il-fond Flat 3, Triq Indri Magrin, Hal-Ghaxaq.

Illi permezz ta' skrittura datata 15 ta' Jannar, 2009, il-konvenju gie rexiss u konsegwentament, il-bejgh ma sehhx (Dokument R mehmuz mat-talba);

Illi ghalhekk s-senserija mhallsa bil-quddiem ma hijiex dovuta;

Illi ghad li interpellat il-konvenut baqa' inadempjenti (Dokument I mehmuz mat-talba);

Illi l-atturi ghaldaqstant qed jitolbu lill-konvenut ihallashom lura s-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494.00) rappresentanti hlas lura ta' senserija mhallsa bil-quddiem.

Bl-ispejjes tal-presenti, ta' l-ittra interpellatorja datata 20 ta' Frar, 2009 u bl-imghax legali mid-data tar-rexissjoni tal-konvenju ossija 15 ta' Jannar, 2009 sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro (€3,494.00), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------